MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1814/1995/2

**Gaetano Fenech**

**vs**

**Maria Pisani**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

1. B'citazzjoni l-attur talab ir-rifuzjoni tas-somma ta' elf lira li kien hallas bhala rigal meta kera l-fond numru wiehed Pisani Court, Zerafa Street, Marsa, f'Settembru 1993.

2. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza moghtija fil-15 ta' Jannar 1999 laqghet it-talba tal-attur u kkundannat lill-konvenuta thallas din is-somma bl-ispejjez tal-kawza, u wara li l-istess esponenti appellat minnha, din il-Qorti kkonfermat din is-sentenza b'sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru 2000 bl-ispejjez kollha kontra taghha.

## IT-TALBA GHAR-RITRATTAZZJONI TAL-KONVENUTA

3. Il-konvenuta ssottomettiet illi ricentament hija skopriet id-dokument esebit li juri li fil-fatt dan il-fond huwa dekontrollat u kwindi dan hu dokument deciziv kif jirrikjedi l-artikolu 811(k) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili fejn jirrigwarda ritrattazzjoni. Dan ghaliex hu ovvju li f'kaz ta' fond dekontrollat il-kerrej ma ghandux dritt jitlob lura r-rigal li jkun hallas u s-sid hu intitolat jinkassa dan ir-rigal, skond l-istess Ordinanza tal-1959 dwar id-dekontroll tad-djar. L-esponenti ma kienitx taf b'dan id-dokument qabel effettivament sabitu u presenzjalment qed titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza kollha.

Ghaldaqstant il-konvenuta talbet testwalment *"illi din il-Qorti joghgobha tordna s-smiegh mill-gdid il-kawza msemmija a tenur tal-artikolu 811(k) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u sussegwentement tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu, wara li taghti l-provvedimenti li jidhrilha opportuni."*

## IR-RISPOSTA TA' GAETANO FENECH

4. L-attur ritrattat wiegeb hekk :-
"*Illi d-dokument esebit huwa dokument pubbliku registrat fir-registru pubbliku u anke jekk hu veru kif qieghda tghid l-intimata hi ma kienitx taf bih li hu dubbjuz hafna, hija titqies li kienet taf bih ghax kif inghad hawn fuq dan huwa att pubbliku u setghet facilment tivverifika.*"

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Wara li semghet it-trattazzjoni u kkunsidrat li din hija procedura ta' ritrattazzjoni msejsa fuq l-artikolu 811(k) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tosserva illi mill-atti

tal-kawza jirrizulta li originarjament l-attur ritrattat kien ipprezenta citazzjoni kontra l-konvenuta ritrattanda fejn talab ir-rifuzjoni tas-somma ta' Lm1000 (elf lira) li hu jghid li hallas bhala rigal meta hu kera l-fond numru 1, Pisani Court, Zerafa Street, Marsa, f''Settembru 1993. Din il-kawza giet deciza bl-akkoljiment tat-talba attrici mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-15 ta' Jannar 1999. Minna sar appell mill-konvenuta Pisani izda s-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000. Il-procedura in ezami, wahda ta' ritrattazzjoni, hija bbazata fuq il-fatt li l-konvenuta ritrattanda in segwitu tas-sentenza "skopriet" ic-certifikat ta' dekontroll (Dok MP) "ricentement" "u kwindi dan hu dokument deciziv kif jirrikjedi l-artikolu 811(k) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili fejn jirrigwarda ritrattazzjoni".

B'verbal registrat waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2002, ir-ritrattanda konvenuta nghatat il-fakolta' li permezz ta' affidavit tiddikjara kif u meta skopriet ic-certifikat esebit minna a fol. 82 tal-process (Dok MP).

6. Illi indipendentement mill-fatti partikolari tal-kaz in ezami, pero`, din il-Qorti necessarjament kellha tiehu kont ta' aspett ta' natura legali li, minkejja l-importanza tieghu, donnu sfugga lill-partijiet kontendenti. Il-Qorti osservat li minkejja li r-ritrattanda Pisani tirreferi ghall-artikolu 811(k) tal-Kap. 12, ma hemm u ma saret ebda talba ghar-revoka tas-sentenza li taghha qeghda tintalab li ssir trattazzjoni mill-gdid. Issa, l-artikolu 811 tal-Kap. 12 jistipula kjarament li kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, <u>wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza</u>. Una volta ghalhekk li din it-talba ghal fini tar-revoka tas-sentenza surreferita baqghet ma ntalbitx, it-talba ghal fini ta' ritrattazzjoni maghmulha mill-konvenuta ma tistax tigi akkolta, imqar jekk xi wahda mir-ragunijiet li jinsabu elenkati fl-istess artikolu 811 ghal fini ta' ritrattazzjoni tkun tissussisti.

7. Jidher car mill-kliem tal-artikolu 811 fuq citat li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg ghanijiet, igifieri dak li tigi mhassra sentenza li tkun saret gudikat bejn il-

partijiet u dak li terga tinfetah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza. Isegwi ghalhekk li l-gudizzju ta' ritrattazzjoni huwa kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor, maghrufin fid-dottrina legali bhala "in rescindente" u "in rescissorio" (ara wkoll Koll. Vol. LXIX-II–pp219). Il-ligi taghna tal-procedura ghalhekk trid u tesigi li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza impunjata billi minghajr dan it-thassir mhux possibbli li l-kawza tigi trattata mill-gdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista' ssir it-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sakemm dak it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun u tibqa' ta' ostakolu ghar-riezami tal-kawza (ara wkoll sentenza fl-ismijiet "Neg. Paolo Borg vs Neg. Francis Grech et" tas-27 ta' Gunju 1949, Qorti tal-Appell, Koll. Vol. XXXIII–I-754).

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talba tar-ritrattanda Maria Pisani, kif dedotta ma tistax tigi akkolta u qeghda tigi respinta ;

Tiddeciedi ghalhekk billi ghar-ragunijiet premessi tichad it-talba tal-konvenuta ritrattanda kif dedotta, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra taghha.

Dep/Reg
mg